(1863 – 1944)

# Mastru Abram Gatt

## Mija u Ħamsin Sena minn Twelidu f'Omaġġ Bormla ssellimlu

Kitba, Riċerka u Intervisti ta' Mario Attard

Din is-sena ħabtet il-mija u ħamsin sena mit-twelid tal-istatwarju, arġentier u disinjatur Abram Gatt – iben dehen il-Belt Cospicua. Fl-istess waqt ninsabu lejlet is-sebgħin sena minn mewtu, eżattament fl-20 ta' Marzu li ġej. Għal din l-okkażjoni qiegħed jingħatalu ġieħ bis-saħħa ta' din il-kitba kemm b'tagħrif formali permezz tal-kelma miktuba kif ukoll b'tagħrif informali permezz tal-kelma mitkellma.



Nhar l-4 ta' Ottubru 1863, lil Ġużeppi u martu Regina (imwielda Cassar) tweldilhom iben li ismu kellu jibqa' jissemma. Kien it-tieni wild tagħhom. Lil dan l-iben għammduh fil-parroċċa ta' Bormla u tawh tliet ismijiet: Lawrenz, Abram u Duminku. Huwa kien miżmum bit-tieni isem mogħti lilu, Abram. Il-parrini tiegħu kienu



Lazzaro Pisani



Carlo Darmanin

Anton Gatt minn Bormla u Tereża Cassar mill-Isla.[1]

Kien ħaddiem it-Tarzna u kien disinjatur tajjeb u mfittex ħafna fi żmienu. L-opri li ddisinja jinsabu mxerrdin ma' Malta u Għawdex kollha. Kien bniedem umli u kwiet. Dejjem warrab mit-tifħir u mill-unuri. B'danakollu kien ċajtier ħafna. Ta' Bormliż li kien, Abram Gatt kien devot kbir tal-Madonna u prattikanti wkoll.[2] Il-ħila artistika li kienet naturali fih żviluppaha taħt żewġ artisti magħrufin Maltin: Lazzaro Pisani ġewwa l-Iskola Teknika ta' Bormla li kienet immexxija minnu u Karlu Darmanin fejn għamel żmien jistudja għandu.[3] Tgħallem l-arti wkoll taħt il-Belti Salvatore Barbara (1835-c1900) fil-perjodu li fih Barbara beda jgħallem id-disinn fl-iskejjel primarji f'pajjiżna wara li kien studja taħt Tommaso Minardi u Francesco Podesti f'Ruma (c.1855 – 58) Flimkien miegħu kien hemm ukoll Emanuele Buhagiar (1876 – 1972).[4] Robbie Mifsud Bonnici jikteb[5] li bl-opri ta' ħila artistika li għamel kiseb ġieħ għalih innifsu (u naturalment għal Bormla), għall-Knisja u għal Malta.

Wara li spiċċa l-istudji tiegħu, Abram Gatt intefa' jaħdem l-iskultura għall-għamara iżda finanzjarjament sab li ma kienx jaqbillu. Ir-raġuni kienet waħda raġunata għall-fatt li s-suq li beda jfittex li jirnexxi fih kien fgat b'nies oħra bħalu. Din kienet ir-raġuni għaliex daħal jaħdem it-Tarzna. Il-kbarat tat-Tarzna li kienu Ingliżi għarfu xi bniedem kien u mexxewh 'il quddiem sa għamluh il-kap tal-ħanut tal-mudellaturi (jew il-'Pattern Shop'), il-ħaddiema faħħruh għax kien bniedem twajjeb u onest u Bormla kollha faħħritu għad-devozzjoni kbira li kellu lejn il-Madonna u għall-imħabba lejn il-parroċċa ta' belt twelidu.

Huwa baqa' ġuvni sal-mewt. F'Bormla kien joqgħod ma' tlieta minn ħutu fi Triq l-Oratorju, eżattament illum jiġi l-bidu ta' Triq Santu Rokku, fin-naħa tal-Oratorju. Id-dar tal-aħwa Gatt li lkoll ma kinux miżżewġa, kienet tagħlaq din id-daħla imma wara li waqgħet bit-tieni gwerra dinjija, kien deċiż li titwaqqa' għal kollox u hekk titniffed Triq l-Oratorju ma' Triq Santu Rokku.

Ta' min jgħid li mat-tiġrif tad-dar tal-aħwa Gatt intradmu ħafna disinji u pitturi ta' Abram. Il-mibki Kanonku Dun Vinċenz Balzan (qassis minn Bormla li kien joqgħod faċċata tad-dar ta' Abram u li meta miet kien l-Arċipriet tal-parroċċa ta' Santa Katerina taż-Żurrieq), kien qal li fost il-fdalijiet artistiċi tal-artist Bormliż instab disinn tan-niċċa l-qadima tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Din illum tinsab f'dar privata.[6]

Sa mill-ewwel ħinjiet li sar l-ewwel attakk tal-għadu mill-ajru, Abram u ħutu marru jsibu refuġju ġewwa Ħaż-Żebbuġ, eżattament fi Triq San Ġużepp. Nhar l-20 ta' Marzu 1944 Abram Gatt miet fid-dar tar-refuġju. Huwa ndifen fil-qabar tal-Kurċifiss ġewwa l-Addolorata, West F/E 15.[7] Il-jum tal-funeral tiegħu kien ikkaratterizzat minn moti ta' swied il-qalb li ħarġu mill-kampnari tal-parroċċa ta' Bormla. B'rispett u b'ħajr u b'ġieħ għall-kontribut artistiku kbir u bla ħlas li ta lill-parroċċa ta' Bormla, twaqqfet fondazzjoni ta' quddies għal ruħu.[8]

## Abram Gatt u l-Istatwa tal-Kunċizzjoni

Mingħajr dubju, l-ikbar rabta artistika li żżomm ħaj kontinwament lil Abram Gatt hija l-vara tal-Kunċizzjoni. Filwaqt li l-vara fl-istat oriġinali tagħha hija tas-Soru Maria De Domenicis, is-sura preżenti hija ta' Abram Gatt. Biex nifhmu aħjar insemmu kif fis-sena 1905 kienu sejrin isiru festi speċjali peress li kienet sejra tkun inkurunata x-xbieha tal-Madonna tal-Kor. Il-Kleru Bormliż qabbad lil Abram Gatt sabiex jirranġa

u jirrestawra l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-fatt, Abram Gatt (i) neħħa l-puttini (jew anġli żgħar) li kienu jinsabu taħt il-mant tal-Madonna, (ii) biddel il-forma tal-libsa u (iii) neħħielha l-qamar li kellha. Wara, fuq disinn ta' Abram Gatt innifsu ttieħdet Milan u kienet afdata f'idejn id-ditta Antonio Ghezzi u Figli fejn inksiet bil-fidda.

Wara dan ix-xogħol kollu, Abram Gatt ħaseb ukoll li jiddisinja pedestall għall-vara tal-Kunċizzjoni. Dan il-pedestall tlesta fl-1924. Huwa ddisinja wkoll il-kuruna u l-erba' gastri li jitqiegħdu mal-vara titulari ta' Bormla.[9]

Jingħad li mal-idea li l-istatwa tal-Kunċizzjoni ssir tal-fidda, kien hemm ukoll il-ħsieb li l-bradella u l-bankun isiru wkoll tal-fidda. Fil-fatt id-disinjar (li kien f'idejn Abram Gatt innifsu) sar u x-xogħol beda. Sa kienet tlestiet il-faċċata tal-bankun. Is-sbuħija tagħha qanqal id-dubji għaliex seta' jisraq il-għajnejn minn fuq il-vara ta' Marija Immakulata. Minflok kien deċiż li dak il-pjan jitwaqqa' u minflok dik il-faċċata tinbidel f'ventaltar – u sar magħruf bħala l-ventaltar ta' San Mark. Dan il-ventaltar se jkun ittrattat bir-reqqa iktar 'l isfel fit-taqsima tal-opri li Abram Gatt għamel fil-parroċċa ta' Bormla.



L-istatwa tal-Kunċizzjoni kif tidher fil-katalgu tad-ditta Ghezzi, ta' Milan.

Il-vara rrinnovata waslet fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju 1905 u ttieħdet fil-Konservatorju San Ġużepp fejn eżaminaha Abram Gatt innifsu. Min kien preżenti xehed li bil-kommozzjoni li qabditu quddiem ix-xbieha ta' Marija Immakulata, l-artist Bormliż beka. Fit-18 ta' Ġunju 1905, l-istess



18 ta' Ġunju, 1905 – Nhar l-inawgurazzjoni tal-Kunċizzjoni, ta' min jinnota lil Abram bilwieqfa fil-ġenb tagħha.



L-Kunċizzjoni qabel l-intervent ta' Abram Gatt.



vara ttieħdet fid-daħla tal-Knisja ta' Santa Margerita, fejn hemm il-kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura. Hemmhekk kienet inawgurata. Wara ttieħdet proċessjonalment sal-Parroċċa.

Matul il-mitt sena skorruta mindu kienet irrinovata, l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla sarilha restawr, bl-aħħar wieħed ikun fl-2005 għall-okkażjoni doppja taċ-Ċentinarju mill-istess rinnovar u tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari. Dan kien fi żmien l-Arċipriet mill-Mellieħa, il-Kan. Joe Mifsud li għal dik l-okkażjoni unika libbes stellarju ma' ras Marija Immakulata li nħadem għall-okkażjoni. Ir-restawr sar mill-arġentier Vanni Bartolo fl-2005 u l-istatwa ta' Marija Immakulata kienet inawgurata fl-14 ta' Ġunju tal-istess sena u hekk bdew il-festi Ċentinarji. Erbat ijiem wara sar pellegrinaġġ bl-istatwa restawrata.

Hawnhekk ikun nuqqas jekk ma nsemmux li ħdax-il sena qabel, fl-19 ta' Novembru 1994, sar pellingrinaġġ nazzjonali mill-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara sal-parroċċa ta' Bormla mhux biss biex ifakkar it-treġġigħ lura tal-istatwa mir-refuġju taqgħha fl-istess Bażilika matul it-tieni gwerra dinjija, imma sabiex isir radd il-ħajr lill-Madonna għall-protezzjoni tagħha tal-poplu Malti u Għawdxi.

## Il-pedestall tal-Kunċizzjoni

Fl-erba' kantunieri tal-pedestall hemm l-erba' simboli tal-erba' evanġelisti: l-iljun ta' San Mark, l-ajkla ta' San Ġwann, l-anġlu ta' San Mattew u l-baqra ta' San Luqa. B'hekk Abram Gatt ried juri li l-Madonna hija l-Mara tat-Testment il-Ġdid.

F'dan il-pedestall insibu wkoll erba' profeti: Mosè, Iżaija, David u Eżekjel. Dawn il-persunaġġi bibbliċi jikkuntrastaw mal-erba' evanġelisiti u ġejjin mit-Testment l-Antik. Huma jfakkruna fil-pjan tas-salvazzjoni, liema pjan wassal biex l-Iben ta' Alla sar bniedem għall-fidwa tal-bnedmin.



Mal-virtujiet tas-sempliċità, umiltà u safa, norbtu l-inċitazzjoni mill-Apokalissi 12:1 li rriżultat mir-rivelazzjonijiet li ġarrab San Ġwann f'Patmos, miktuba fis-snin 90 W.K.: "U deher sinjal kbir fis-sema: **Mara liebsa x-xemx bil-qamar taħt riġlejha, u**

**b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha"**. Dawn il-kwiekeb jirrappreżentaw lit-tnax-il tribù ta' Iżrael. Simbolikament dan ifisser li l-Madonna tinsab fil-qalba tal-poplu ta' Alla u allura qiegħda tippersonifika lill-Knisja Kattolika. Il-bżonn tas-sbuħija li tarmi l-figura tal-Madonna ma tinsabx b'xi skop vanituż imma għax hija Omm Alla.



F'dan il-pedestall Abram Gatt ħareġ is-sens ċiviku li kellu lejn Bormla, belt twelidu. Fil-kantunieri jinterpreta partijiet importantissimi fl-istorja tal-Parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla ma' erba' papiet partikulari li kkontribwew b'risq il-mixja 'l quddiem tal-parroċċa ta' Bormla. F'kull kantuniera daħħal l-arma ta' dawn il-papiet li huma:






Piju VII għolla l-parroċċa għal Kolleġġjata bid-digriet tas-17 ta' Lulju 1822.

Piju VIII ħareġ il-bolla tal-"Unione" fl-1830 u hekk saret l-għaqda tal-Parroċċa mal-Kolleġġjata.

Piju IX ipproklama d-domma tal-Immakulat Konċepiment ta' Marija fit-8 ta' Diċembru 1854.

Piju X li permezz tad-delegat tiegħu, il-Kardinal Domenico Ferrata, inkuruna l-kwadru tal-Kor fil-25 ta' Ġunju 1905.



## Restawr ta' Vari u disinni ta' pedestalli oħra

Restawr ieħor li wettaq Abram Gatt kien ta' Sant'Andrija, il-patrun ta' Ħal Luqa, xogħol tal-iskultur Senglean Giuseppe Scolaro. Dan kien fl-1913. Fil-fatt din is-sena, 2013, il-Ħalluqin fakkru l-mitt sena minn dawn ir-restawr. Inzerta li dak iż-żmien b'Kappillan kellhom lil Dun Anton Vella, li kien ħabib tal-qalb tal-artist Bormliż.

Fil-ktieb tiegħu 'Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha', Dun Ġużepp Micallef jikteb hekk: "Il-Ħadd, 23 ta' Novembru 1913, ġemgħa rġiel u żgħażagħ Ħalluqin telgħin bil-mixi lejn il-



Belt biex iġibu l-Istatwa ta' Sant'Andrija restawrata u indurata. Għal xi t-tlieta u nofs ta' waranofsinhar dehru ġejjin lura bl-istatwa mgħobbija fuq spallejhom. Il-Ħalluqin bi ħġarhom kienu qed jistennewhom fit-tarf tar-raħal. Hekk kif raw x'dehra sabiħa rnexxielu jagħtiha l-iskultur Bormliż Abram Gatt, li kien hemm preżenti f'din l-okkażjoni, il-folla nfexxet f'ċapċip kbir".[10]

Għal Sant'Andrija rrestawrat, Abram Gatt ħaseb ukoll li jiddisinja bankun biex fuqu jitqiegħed Sant'Andrija bil-pedestall. Ta' min isemmi li dan il-pedestall inħadem minn Luqa Grixti.



Statwa oħra li rrestawra Abram Gatt kienet ta' Santa Tereża li tinsab fil-knisja tal-kunvent tal-patrijiet Tereżjani Skalzi ġewwa Bormla. L-istatwa kienet inħadmet minn idejn l-iskultur Vincenzo Dimech. Dan Dimech, li jinsab midfun fil-kannierja tal-kunvent tal-istess patrijiet Tereżjani f'Bormla, kien ħadem ukoll lil San Publiju tal-Furjana. Abram Gatt kien ukoll irrestawra lill-patrun tal-Furjaniżi fl-1924.



Pedestall ieħor li ħadem Abram Gatt huwa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, fl-1936. Ħadem ventaltar għall-artal ta' San Ġużepp ta' Ġieżu tar-Rabat u li kien intrama għall-ewwel darba fil-festa ta' Ġużepp fl-istess knisja fl-1906. Kien sewa £583.

Fil-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu rrestawra lill-vara titulari ta' San Lawrenz u rrinova l-pedestall għal dan il-patrun li fih jiġbor lill-Kottonera kollha, inkluża l-Kalkara. Dan ix-xogħol sar fl-1903 u huwa mdawwar b'erba' statwetti li jirrappreżentaw

lill-Fidi, lit-Tama, lill-Karità u lis-Safa. Lill-Kottonera jgħaqqadha b'erba' armi: tal-Birgu fuq quddiem, ta' Bormla u tal-Isla fil-ġnub u tal-Kalkara fuq wara tal-pedestall. Abram Gatt iddisinja tmien statwetti, tnejn fuq kull naħa b'kull statwa ġġorr emblema ta' bażilika ddedikata lil San Lawrenz fl-Ewropa: sitta fl-Italja, waħda fi Franza u oħra fi Spanja.






Fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Imqabba ħadem pedestall tal-fidda kif ukoll bradella. Dan il-pedestall huwa deskritt b'fost l-aqwa li nsibu f'pajjiżna. Abram Gatt iddisinjah fl-1928 u nħadem minn Manwel Buhagiar biex finalment kien indurat f'Milan għand id-ditta Antonio Ghezzi e Figli. Bid-disinn ġdid tal-pedestall, kompla sebbaħ bil-ħila tiegħu l-istatwa artistika ta' Santa Marija.

## Il-Vara ta' San Ġużepp u l-għeluq tal-100 Sena tagħha



L-aqwa xogħol li ħareġ minn idejn Abram Gatt jinsab fil-paroċċa ta' Bormla. L-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin, skolpita fl-injam fl-1903.[11] Hawnhekk nirreferi għal dak li kiteb Joseph F. Grima fl-artiklu '**Maltese sculptors and statuaries**.[12]' Grima jikteb li qabel daħal fix-xena artistika Maltija Abram Gatt, l-użu ta' xogħol artistiku bl-injam kien miet. Id-dħul tas-seklu 19 iżda, ipproduċa numru ta' statwarji li ħadmu statwi fl-injam, kemm statwi singoli kif ukoll fi gruppi, u dawn għadhom iduru t-toroq tal-gżejjer tagħna fil-Ġimgħa l-Kbira, b'mod speċjali. Biżżejjed insemmu liż-żewġ artisti beltin Giuseppi Vella u Giovanni Darmanin kif ukoll lill-mosti Salvatore Dimech. Abram Gatt spikka bil-kbir bil-vara ta' San Ġużepp b'Ġesù tfajjel. Prova tal-ħila artistika tal-iskultur Bormliż tagħtihielna l-okkażjoni li fiha din l-istatwa kienet ittieħdet f'korteo fuq il-Fosos tal-Furjana għall-festi tal-1 ta' Mejju 1957[13] fejn saret il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, immexxija mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Dun Ġużepp Bonello jikteb li ħafna minn

dawk li rawha bir-reqqa ma ridux jemmnu li kienet skolpita fl-injam.[14] Tassew kienet xorti ħażina li messet lil din l-istatwa meta fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Diċembru 1980, f'lejla ta' maltemp qalil, ħallelin mhux magħrufa (u li baqgħu ma nqabdux) serqu t-tiżjin minn fuqu kif ukoll il-lampier magħruf b'ta' San Ġużepp fost ħwejjeġ oħra.[15]



Il-Fratellanza ta' San Ġużepp kienet qabbdet lill-Belti Pietru Pawl Azzopardi biex jagħmel statwa ta' San Ġużepp bil-Bambin. Dan kien fl-1843.[16] Iżda meta bdew it-tħejjijiet għall-Inkoronazzjoni tal-Kwadru Titulari, il-Fratellanza ta' San Ġużepp, permezz tal-prokuraturi tagħha Salvu Gauci u Karm Lauron, qabbdet lil Abram Gatt biex jagħmel statwa ġdida ta' San Ġużepp bil-Bambin li kif nafu tlestiet fl-1903. Minħabba f'hekk, l-istatwa tal-iskultur belti nbiegħet lill-parroċċa ta' Marsaxlokk. M. Grech Taylor fil-manuskritt **Storia ta' Bormla** miktub fl-1924 – 25, p.43 jikteb li "L-antika kienet fdata f'idejn dilettant minn Ħal Qormi u biddilha f'Sant'Andrija għal Marsaxlokk.[17] Hawnhekk nixtieq insemmi aneddotu marbut ma' Abram Gatt u l-istatwa tiegħu li huwa msemmi minn Charles Galea Scannura[18] "Jingħad li Abram Gatt meta kien lesta din l-istatwa, qasam ras San Ġużepp fi tnejn biex b'sengħa kbira jqiegħed l-għajnejn tal-ħġieġ u jerġa' jgħaqqad kollox flimkien". Kienet l-ewwel statwa tiegħu u ħadimha fil-ħin liberu tiegħu u lestieha fi żmien sena. F'Mejju 1903 kienet esebita fil-Casa Industria, il-Belt fejn kienet apprezzata ferm u Abram Gatt kien ippreżentat b'midalja tad-deheb u diploma mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ.[19]



Carmelo Galea Scannura, editur tal-gazzetta "Cospicua", kien kiteb li "billi s-Surmast Abram Gatt dejjem kellu x-xewqa kbira li jagħmel din l-istatwa (ta' San Ġużepp), il-Konfratelli riedu jikkuntentawh u għalhekk tawh il-kummissjoni". L-injama li minnha nħadem San Ġużepp kienet inxtrat mit-Tarzna, fejn kien jaħdem Abram. Galea Scannura, li snin wara kien sar qassis, jikteb ukoll li "kienet għadha mhux miżbugħa (l-istatwa ta' San Ġużepp) meta n-nies ta' Bormla dawruha bil-marċ ma' kullimkien". [20]

Fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mindu l-Papa Piju IX ipproklama lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali, ġewwa Bormla nhar is-7 ta' Ġunju 1920 saru festi xierqa mill-Fratellanza ta' San Ġużepp u kienu mistiedna fratellanzi

tal-istess qaddis minn parroċċi lokali oħra. Dakinhar l-istatwa ta' San Ġużepp kienet tqiegħdet taħt l-mant tal-Kunċizzjoni.

Abram Gatt huwa ħaġa sinonima mal-vara artistika ta' San Ġużepp li tinsab iżżejjen lill-parroċċa ta' Bormla. Ma jonqosx milli jiġi f'moħħna l-parti importanti li għandu l-istess Abram Gatt fis-sura li ta kemm lill-missier putattiv kif ukoll lit-tfajjel Ġesù. Fi kliem ieħor, dak li qegħdilna quddiem għajnejna l-iskultur Bormliż huwa rifless kollettiv ta' tifsiriet li ried iwassal simbolikament u b'mod artistiku.

Kienet tradizzjoni antikissima li lil San Ġużepp jippreżentawh bil-Bambin f'idu. Il-Bormliż Abram Gatt ried ikun innovattiv u ppreżenta lil San Ġużepp fil-Bambin bħala tfajjel imfarfar wieqaf ħdejh u b'salib f'idu. Il-preżenza tat-tfajjel tirrappreżenta l-inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u s-Salib jissimbolizza l-milja tal-istess inkarnazzjoni bir-redenzjoni milħuqa fuq il-għuda tas-salib. Ir-responsabilità afdata lil San Ġużepp bħala missier putattiv hija riflessa fl-id li Ġużeppi għandu fuq spallet Ġesù. Dan is-simbolu jkompli jkattar is-sinifikat tiegħu meta nqisu li l-id imsemmija hija tal-lemin u li jirreferi għaliha iktar minn darba Kristu.[21] L-istess id il-leminija, prova konkreta li Ġużeppi jinsab fuq in-naħa tal-Mulej, qiegħda żomm bastun b'rimja ġilju. Bla dubju jirrifletti s-safa tal-qaddis. Bl-istess bastun Abram Gatt jinsab jisħaq ras is-serpent – analoġija ma' riġel il-Madonna fil-kwadru titulari li jinsab fil-Kor tal-Kolleġġjata ta' Bormla, fejn dak ir-riġel jinsab jisħaq ras is-serpent. F'din il-preżentazzjoni artistika f'Abram Gatt jispikka ħafna l-għarfien ta' dan l-artista kemm tad-Domma tal-Immakulata kif ukoll it-tagħlim dommatiku li l-kwadru tal-Kor jiġbor fi b'tali mod li l-preżentazzjoni ta' San Ġużepp għandha sehem importanti fl-irwol li Alla ppjana fil-ġlieda kontra l-ħażen permezz ta' Marija Immakulata. Lanqas ma kienet xi kumbinazzjoni li Papa Piju IX għażel it-8 ta' Diċembru 1870 biex jiddikjara lil San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja. Dakinhar, Piju Nonu ħareġ l-enċiklika 'Qeumadmodum Deus' proprju fil-festa tal-Kunċizzjoni.[22] Lil dan il-fatt nistgħu ninterpretawh tiġdid ta' rabta qaddisa li Alla ħejja bejn Ġużeppi u Marija.[23] Il-preżenza tal-Knisja skolpita isfel nett tal-istatwa tiġbor id-dikjarazzjoni tal-Papa Piju IX bħala Patrun Universali tal-Knisja.

L-istatwa ta' San Ġużepp kienet restawrata fis-sena 1992 ġewwa n-Nadur, Għawdex mill-istatwarju l-Kav. Michael Camilleri Cauchi.

F'għeluq l-ewwel ċentinarju mindu nħadmet l-istatwa ta' San Ġużepp, saru festi tal-okkażjoni ġewwa Bormla. Nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju 2003 saret akkademja mużiko-letterarja fejn fost oħrajn sar diskors għall-okkażjoni min-neputi ta' Abram Gatt, is-Sur Joseph Gatt, dwar Abram Gatt u l-istatwa ta' San Ġużepp. L-għada l-Erbgħa saret quddiesa kantata bl-omeilja mill-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, il-Kan. Dun Ġużepp Bonello. Il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2003, li kien il-qofol ta' dawn il-festi ċentinarji, saret festa speċjali sabiex tkun imfakkra l-mitt sena mindu Abram Gatt lesta l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin. Għal dik l-okkażjoni speċjali, San Ġużepp bil-Bambin tqiegħed taħt il-mant tal-Kunċizzjoni kif kien ġara fil-festi tal-1920 (ara iktar 'il fuq). Dakinhar fis-sitta ta' filgħaxija saret quddiesa konċelebrata mill-Isqof ta' Malindi, fil-Kenja, Mons. Francis Baldacchino. Il-prietka tal-okkażjoni saret mill-Arċipriet il-Kan. Dun Joe Mifsud. Il-mużika u l-kor tmexxew minn Mro. Walter Tonna. Imbagħad fis-sebgħa saret il-purċissjoni bl-istatwa devota ta' San Ġużepp li għaddiet minn Triq Santu Rokku, mill-Pjazza Paolino Vassallo u lura għall-parroċċa. Il-Banda ċittadina, 'San Ġorġ' ta' Bormla akkumpanjat tul il-purċissjoni kollha b'innijiet ġużeppini. Dawn il-

festi ċentinarji ntemmu bid-daqq tal-antifona ta' San Ġużepp u bil-Barka Sagramentali. B'danakollu ċ-ċelebrazzjonijiet bdew nhar it-Tlieta, b'akkademja mużiko-letterarja li saret fil-parroċċa u Kolleġġjata ta' Bormla. L-għada l-Erbgħa saret quddiesa kantata fl-istess Kolleġġjata bil-parteċipazzjoni tal-Kor Tota Pulchra ta' Bormla stess.



Is-sena 2003 kienet ta' okkażjoni partikulari biex jibqa' mfakkar Abram Gatt. Fil-fatt, nhar l-4 ta' Ottubru 2003 kantuniera bejn Triq l-Oratorju u Triq il-Pellegrinaġġ (tad-19 ta' Novembru 1944), kien inawgurat bust ta' Abram Gatt li nħadem minn Michael Mallia; filwaqt li x-xogħol tal-irħam sar minn Ronnie Pisani.[24] Dan il-bust oriġinarjament kien jinsab fil-bitħa tal-iskola tas-Snajja' ta' Bighi li kienet imsemmija għalih. Dan ifisser li l-artist Bormliż kien ingħata għarfien nazzjonali permezz tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Imbagħad inkiseb mill-Kunsill ta' Bormla u tqiegħed fil-bidu tat-triq fejn kien joqgħod Abram Gatt ma' ħutu.

## Il-ventaltari ta' Abram Gatt

Il-parroċċa ta' Bormla hija l-iktar knisja li għandha xogħlijiet artistiċi li nħadmu minn Abram Gatt. Mhux faċli ssemmi l-kontribut artistiku kollu li ħalla dan l-artist Bormliż fil-parroċċa ta' Bormla. Fil-fatt sejjer nagħti lista li ma tinkludix il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Għalhekk insibu:

(a) Il-biċċa l-kbira tal-ventaltari saru fuq disinni tiegħu, partikularment dak ta' San Mark li huwa kkunsidrat bħala kapolavur ta' Abram. B'kollox ħadem sitt ventaltari (RMB, p.247). Dawn huma tal-Kor (wara l-artal maġġur), tal-Kurċifiss, ta' San Mark, ta' Santu Kristu, ta' San Dimitri u ta' San Ġwann Battista.



Bil-għan li nifhmu ftit mit-tnebbiħ artistiku li kien joħroġ minn moħħ l-artist Bormliż u fl-istess waqt mingħajr ma nnaqqas il-mertu tal-bqija tal-ventaltari li għamel, sejrin ikun deskritti wieħed wieħed. Bosta huma tal-fehma li l-isbaħ fosthom huwa dak ta' San Mark. Fil-qalba tiegħu hemm ix-xbieha ta' Marija Immakulata. Fin-naħa ta' fuq ta' dan il-ventaltar hemm l-iljun b'simbolu ta' San Mark l-Evanġelista, mentri fil-ġnubijiet ta' din l-opra tal-fidda hemm żewġ figuri ta' evanġelisti inkwadrati bħal f'niċeċ.



Faċċata tal-artal ta' San Mark insibu l-artal ta' San Dimitri. Hawnhekk ukoll jintrema ventaltar artistiku b'disinni ferm sbieħ. Il-bust tal-qaddis jiddomina ċ-ċentru ta' dan il-ventaltar. Peress li San Dimitri miet martri, f'idu l-leminija nsibulu palma. Simbolu ieħor attribwit lill-martri hija kuruna, li bħall-palma tissimbolizza l-martirju kif ukoll ir-rebħa spiritwali li jġib miegħu l-istess martirju. F'din l-istess opra ta' Abram Gatt insibu żewġ anġli, wieħed fuq kull naħa tal-qaddis.



Minn naħa l-oħra, dak li jagħmel lill-ventaltar tal-Kurċifiss uniku hija d-dehra ta' żewġ anġli li fil-qalba tiegħu qegħdin iqimu lis-Salib imqiegħed taħt tużell. Proprja d-dehra tat-tużell tiddistingwi lil dan il-ventaltar peress li mhuwa xejn komuni li ssibu fuq ventaltari.



Il-ventaltar ta' Santu Kristu għandu f'nofsu lil Ġesù Redentur imgħobbi bis-Salib u taħtu tliet imsiemer, żewġ puttini ftit imbegħdin minnu b'lanza u sponża ħerġin minn warajhom. Fuq kull naħa ta' dan il-ventaltar hemm anġlu: wieħed iżomm l-inizjali SPQR u l-ieħor qed iżomm l-inizjali INRI.



Ikun xieraq li l-aħħar eżempju jkun il-ventaltar tal-Kor. Mill-isem ta' Marija tinsab ħierġa dija. Fil-ġnub tiegħu nsibu żewġ skrizzjonijiet, it-tnejn marbuta mad-Domma tal-Konċepiment Immakulat: waħda tal-Papa Piju IX u d-Domma tal-Immakulata filwaqt li l-iskrizzjoni l-oħra tfakkar lill-Papa Piju X bħala dak li ħareġ id-digriet tal-Inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Kor.



L-aħħar ventaltar eżistenti fil-parroċċa ta' Bormla li ddisinja Abram Gatt huwa ta' San Ġwann il-Battista. Kif jafu ħafna Bormliżi li jiftakru lill-vara tal-Kunċizzjoni fin-niċċa l-qadima (li ma kinetx armar fiss), dik l-istess niċċa kienet tkun fuq dan l-artal. Imma meta sar il-proġett li bis-saħħa tiegħu l-istatwa titulari sabet il-post permanenti tagħha, dan l-artal seta' jerġa' jitgawda. Il-qalba tal-ventaltar li jmur miegħu hija ddominata minn ħaruf iżomm f'idu Salib bl-iskrizzjoni "Ecce Agnus Dei" u jinsab imserraħ fuq messal li jiġbor fih is-seba' taqsimiet tal-Knisja.

Jissemma ventaltar ieħor tal-fidda li kien sar minn Abram Gatt imma li kien inxtara mill-parroċċa tal-Mosta u ntrama għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija fl-1905. Dan il-ventaltar fil-parroċċa ta' Bormla kien jintrama mal-artal maġġur għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju u kellu f'nofsu medaljun bix-xbieha ta' Marija Immakulata. Għand il-Mostin lil dan il-ventartal saritlu modifika fid-daqs tad-disinn oriġinali tiegħu, peress li l-artal maġġur tal-Mosta kien ftit ikbar mill-maġġur ta' Bormla. Il-modifikazzjoni kienet saret minn Rafael Caruana Dingli. Ma' dak li kien iddisinja Abram Gatt żdiedu l-erba' evanġelisti mdawrin fil-weraq bħala ornament. Il-medaljun tal-Immakulata nbidel u sar ta' Marija Assunta. Anke l-armi tal-pilastri nbidlu u saru juru l-arma tal-Mosta u tal-Papa Piju X (peress li huwa kien il-Kap tal-Knisja Kattolika ta' dak iż-żmien).

Illum dan il-ventaltar jintrama għall-festa ta' Santa Marija f'Awwissu u fil-ġranet tal-Milied. Fl-antik kien jintuża wkoll fil-festa ta' Corpus, tal-Qalb ta' Ġesù, fl-Epifanija, Tas-Siegħa Mqaddsa u fil-festa tal-Qaddis Martri San Paċifiku.

## Il-Mazza Kapitulari ta' Abram Gatt



Għadha kemm issemmiet il-Mazza Kapitulari. Din iżżanżnet għall-ewwel darba fil-festa tal-1906. Għall-ewwel darba mindu saret Kolleġġjata fl-1822, il-Kapitlu ta' Bormla ma kellux il-priveleġġ li jġorr il-mazza waqt il-funzjonijiet reliġjużi – konċessjoni li sa dakinhar kienet permissibbli biss lill-Kapitlu tal-Katidral u lill-Kapitlu ta' San Pawl tal-Belt.

Il-Kapitlu ta' Bormla ħa l-okkażjoni tal-festi tal-Inkurunazzjoni tal-1905 u talab lill-Vatikan li jingħata dan il-privileġġ bħala tifkira tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari. Dan il-permess intlaqa' fl-24 ta' Frar 1906. Min iħares lejn San Ġwann l-Għammiedi jgħammed lil Kristu fuq il-fonti tal-ilma mbierek jara lapida li tfakkar dan. Din il-konċessjoni serviet ta' ħolqa oħra li torbot lill-Bormliż Abram Gatt mal-parroċċa tal-Immakulata, ġewwa belt twelidu.

Il-Kapitlu qabbad lil Abram Gatt jiddisinjaha li min-naħa tiegħu ppreżenta abbozz imsejjes fuq stil barokk twil 1.22 metri bil-parti ewlenija tagħha tkun 0,255 ta' metru u f'termini ta' kejl imperjali; erba'

piedi tul u għaxar pulzieri l-parti l-wiesgħa li tinsab fin-naħa ta' fuq).

Deskrizzjoni tal-parti l-wiesgħa tippreżenta l-erba' evanġelisti fl-erba' faċċati. Taħt kull wieħed minnhom hemm stemma kkuklurita: (a) tal-Kolleġġjata ta' Bormla, (b) tal-Papa Piju X, (ċ) tal-Kardinal Domenico Ferrata u tal-Isqof Pace. Fuq nett tal-mazza hemm ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Dan l-abbozz intbagħat lid-Ditta Ghezzi e Figli ta' Milan biex isir tal-fidda. Ftit xhur wara waslet lura hekk li setgħet tiżżanżan fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-mitt sena mill-ħatra tal-parroċċa ta' Bormla għal Kolleġġjata. Din il-mazza ngħatat għarfien speċjali meta flimkien mal-Kunċizzjoni kienet inkluża fir-**'Raccolta di disegni di Arredi per uso Sacro'** – katalogu li d-Ditta Ghezzi kienet tqis bħala fost l-aqwa opri li pproduċiet. Fl-istess waqt, Abram Gatt żied ġawhra oħra fit-tiżjin li bih żejjen lill-parroċċa ta' Bormla.[25]



## L-Istatwa tal-Kunċizzjoni quddiem iz-zuntier

Bl-intenzjoni li jagħmlu statwa tal-Kunċizzjoni biex titqiegħed fil-bidu tat-taraġ taz-zuntier, kien inkarigat Abram Gatt li ħadimha fl-irħam li spiċċaha b'finezza u bl-irqaqat kollha. Lestiha fl-1919. It-tberik u l-inawgurazzjoni tagħha saru mill-Isqof Angelo Portelli. Għal dik l-okkażjoni kienu tqassmu santi ta' tifkira. Illum lil din l-istatwa nsibuha proprju fil-bidu nett tat-taraġ ta' quddiem iz-zuntier, li jagħti għall-baċir numru wieħed. Dan seta' jsir grazzi għall-fatt li ma nqerdetx bil-gwerra minkejja li kienet esposta bħas-Santwarju ta' Bormla.[26]

## Ir-Rabta ta' Abram Gatt mal-Ġimgħa l-Kbira f'Bormla

(a) Iddisinja l-għatu tal-qabar iddekorat fl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.

(b) Fl-1888 ħadem statwa fil-kartapesta tal-Veronika b'dehra simili għal ta' qabilha.
L-istatwa preżenti tal-Veronika kienet irregalata lill-Fratellanza fl-1910. Fir-realtà kienet lesta seba' snin qabel minn Abram Gatt innifsu. Huwa maħsub li l-iskultur skolpixxa żewġ verżjonijiet tal-Veronika





– fl-1888 u fl-1903. Jidher ċar li Abram Gatt ried l-ewwel ikun sodisfatt huwa nnifsu bl-istatwa tiegħu qabel tgħaddi għand il-Fratellanza.

(ċ) Fl-1894 Abram Gatt ħadem fil-kartapesta lil Kristu Msallab li mbagħad ħa post lil dak ta' qablu fil-Vara l-Kbira. Fl-istess sena kien sar salib ġdid ukoll imma mhux minn Abram Gatt.



(d) Iddisinja ż-żewġ awreoli li nħadmu fil-fidda mill-arġentier Alessandro Cassar fl-1892. Dawn jinsabu waħda ma' ras il-Madonna u l-oħra ma' ras San Ġwann fil-Vara l-Kbira.

(e) Iddisinja l-baldakkin tal-bellus tal-Monument li kien inħadem minn Ġużeppina Delia fl-1937.

(f) Iddisinja l-liżar li fl-1937 Giorgina Frendo kienet ħadmet biex jiddendel mas-salib tal-istatwa tal-Madonna tad-Duluri.







(ġ) Iddisinja l-bandalora S.P.Q.R. li kienet inħadmet fil-bellus minn Rosina Camilleri u li din tal-aħħar kienet tatha lill-prokuratur tal-Fratellanza ta' dak iż-żmien, il-Kanonku Ġużeppi Cassar.

(g) Il-Bandalori tas-Seba' Kelmiet ukoll, huma xogħol iddisinjat minn Abram Gatt.

## Abram Gatt u d-Domus Piju IX

Ġewwa d-Domus Piju IX f'Bormla nsibu xhieda ta' Abram Gatt bħala pittur. Ġewwa dan iċ-ċentru ta' ħidma reliġjuża, kulturali u soċjali nsibu l-kwadru ta' Kristu Re, fejn huwa miżmum bħala patrun u protettur tiegħu. Dan il-kwadru, li jġib il-firma tiegħu kif ukoll is-sena li fih tlesta, sar bla ħlas bil-patt biss li jekk dan iċ-ċentru jiġi jagħlaq, jingħata lill-knisja parrokkjali.



L-artist bormliż, li ma setax jonqos milli jkun fost l-ewwel membri mit-twaqqif tiegħu fis-20 ta' Ġunju 1926 mill-Kantur Kan. Francesco Casha, għamel din il-pittura fl-1928 għall-festa tal-konsagrazzjoni tad-Domus Piju IX lil Kristu Re. Virgilio Monti, il-pittur li pitter il-koppla u pittura oħra mas-saqaf tal-parroċċa, faħħar il-ħila artistika bil-pinzell tal-artist Bormliż. Illum dan il-kwadru huwa miżmum b'għożża fil-kamra tal-Kumitat.

## Opri ta' Abram Gatt fil-Parroċċa ta' Bormla

(a) it-trieħi tal-bellus ta' wħud mill-altari.

(b) sett ta' gastri tal-fidda għad-dawl fil-korsija.

(ċ) il-kandlieri fil-fidda tal-maġġur li











jintremaw fil-jiem tal-festa.

(d) l-arkata tal-fidda u l-purtiera tal-kwadru tal-kor.

(e) il-qxur tal-messalli kollha tal-fidda.

(f) il-lampieri, wieħed għal kull artal. B'xorti ħażina, kif inkiteb 'il fuq, xi żmien wara l-festa tal-Kunċizzjoni tal-1980 kien insteraq il-lampier tal-artal ta' San Ġużepp, fejn is-Sagristija. Dan kellu jkun issostitwit.

(ġ) forċini u vażuni tal-fjuretti tal-Kunċizzjoni.

(g) sopra porti tal-kappelluni.

(għ) fjokkijiet tal-lampieri tal-Maġġur, tal-istatwa ta' San Ġużepp, tal-istatwa tar-Rużarju u tal-Kappella tar-Rużarju.

(h) il-vażuni tal-fjuretti li jintremaw fil-Maġġur.

(ħ) id-dekorazzjonijiet kollha tas-saqaf tal-knisja – naturalment mhux dawk ta' Giuseppe Calì.

(i) anġli u vażuni tal-fjuri ta' fuq il-bibien tal-kappelluni.

(ie) gwarniċ tal-Madonna tas-Saħħa fil-parroċċa.

(j) relikwarju tal-festa, akkolti u s-Salib tal-Kleru.



Ma' dawn irridu nsemmu b'eżempju statwi tal-kartapesta li ntilfu minħabba l-gwerra u l-qerda li ġabet magħha u li kienu nħadmu minn Abram Gatt innifsu. Dawn kienu jintremaw barra fil-ġranet tal-festa. Insemmu lil David, Iżaija. Eżekjel u Danjeli. Kien anke għamel żewġ anġli kbar u l-menzoli tagħhom. Dawn kienu jintremaw fuq iz-zuntier imma flimkien ma' opri artistiċi oħra, inqerdu bil-gwerra.

## Opri artistiċi oħra li ħadem Abram Gatt:

San Franġisk ta' Assisi, pittura li tinsab fil-knisja tal-Kappuċċini tal-Furjana

Żewġ statwi ta' Porfirju u Faustina Imperatrici, mart Massimo, li jintramaw fil-festa ta' Santa Katerina iż-Żurrieq.

Erba' statwi ta' profeti għall-festa ta' barra ta' Bormla.

Il-Bieb Maġġur u s-sopraporta tiegħu għall-knisja Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq.

Fit-teżi tiegħu, Mark Segona [27] jikteb li minn fost tant artisti li kienu jsebbħu l-knejjes ta' Malta u Għawdex b'għamara u tiżjin, l-iktar tnejn imfittxija kienu Abram Gatt u Emanuele Buhagiar (1876 – 1932) [28] mill-Birgu. Dak li għażilhom mill-bqija kienu l-invenzjonijiet u l-ħiliet artistiċi tagħhom.

## Opri artistiċi oħra mxerrdin ma' Malta

Dawn l-opri li sejjer insemmi ma jinkludux dawk li nsibu fil-parroċċa ta' Bormla imma xogħol ieħor f'Bormla stess u fi bliet u rħula Maltin.







(a) fil-parroċċa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ insibu t-tużell kif ukoll l-arkati tal-injam.

(a) il-kannolla l-kbira tal-Inkurunazzjoni li tintrema fil-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba.



(b) għal San Ġorġ, f'Ħal Qormi ħadem pilandra kbira għall-armar ta' barra.

(ċ) għal San Ġorġ ta' Ħal Qormi wkoll fl-1892 ħadem ventartal tal-Madonna tar-Rużarju.

(d) iddisinja t-tużell u l-ġilandra li saru fl-1929 u li l-paroċċa ta' San Pietru tal-Ktajjen kienet xtrat mill-parroċċa ta' San Ġorġ f'Għawdex wara li din tal-aħħar kienet saret Bażilika u kienet tintrema fil-kwaranturi u fil-Milied.

(e) f'Santa Marija tal-Qrendi għamel kanupew.

(f) fl-istess parroċċa tal-Qrendi għamel il-forċini li ddisinjahom bħal ta' Bormla.
(ġ) f'Sant'Andrija ta' Ħal Luqa ddisinja ventartal għall-maġġur.
(g) ħadem il-monument taċ-Ċimiterju tal-Kanonċi ta' Bormla.
(għ) ħadem monument għall-Każin tal-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla.
(h) pittura ta' San Franġisk fil-knisja ta' Santa Liberata, fil-Kalkara, tal-Kappuċċini.
(ħ) bandalora artistika tas-Soċjetà Filarmonika 'Unjoni' ta' Ħal Luqa.
(i) ddisinja *fire-place* għall-istess banda li mbagħad kien inħadem minn Luqa Grixti.
(ie) disinn tad-damask tal-Knisja ta' Santa Tereża, f'Bormla.

## Opri artistiċi mxerrdin fil-gżira Għawdxija



(a) sett gandlieri ta' fuq l-artal fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat. Għal din il-Bażilika ħadem ukoll l-akkolti, il-karti tal-Glorja li saru fl-1913 mid-ditta Milaniża Ghezzi. Iddisinja wkoll il-kanopew, il-gwarniċ u żewġ ventaltari rrakkmati tal-Kor. Ma' dawn inżidu wkoll il-kappa taċ-ċelebrant. Abram Gatt kien lesta wkoll disinn għall-bradella ta' San Ġorġ u għal erba' lanterni, imma b'xorti ħażina dawn baqgħu ma sarux.[29]



(b) kolonna kbira għall-festa ta' barra tal-Għarb.
(ċ) ventaltar għall-artal maġġur tal-parroċċa tax-Xagħra li sar fl-1915.
(d) iddisinja l-mazza tal-Kapitlu u r-rakkmu tat-terħa tal-artal maġġur fix-Xagħra wkoll.
(e) il-pulptu tal-parroċċa ta' San Lawrenz li mbagħad inħadem mill-iskultur Bormliż Franġisk Camilleri.
(f) għamel disinji għall-armar tal-festa ta' barra tax-Xagħra, ta' Kerċem, ta' San Lawrenz u ta' San Ġorġ, ir-Rabat. Pereżempju t-trofew tal-pjazza tax-Xagħra u l-pedestall il-kbir li jintrema fil-pjazza għall-festa f'San Lawrenz kienu ddisinjati minn Abram Gatt.

## Rafel Bonnici Calì dwar Abram Gatt[30]



Il-Kavallier Rafel Bonnici Calì jiddistingwi lil Abram Gatt kif kien deskritt bħala dilettant fil-kartapesta fl-1894 minn Pietru Pawl Castagna, storiku Bormliż,[31] u disa' snin wara meta ħadem l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin. Hawnhekk Bonnici Calì jiddeskrivi lil Abram Gatt bħala l-veru artista u skultur kbir u mhux iżjed dilettant u iktar minn hekk b'artistrija fl-injam. Lil din il-konferma aktar saħħaħha wara l-innovar tal-istatwa titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni. Sa jsemmi b'xhieda oħra tal-ħila kbira li kellu Abram Gatt lill-Madonna fl-irħam (li kif jissemma f'dan ix-xogħol, tinsab quddiem iz-zuntier tal-parroċċa ta' Bormla).

Bonnici Calì jiddispjaċih li l-kotra tal-Maltin baqgħu jħarsu lejh bħala dilettant u dan għaliex, jikteb il-Kavallier, ma marx jistudja f'xi akkademja f'Ruma kif għamlu artisti oħra Maltin. Lil din il-mentalità jiddeskriviha bħala żbaljata. B'danakollu t-tort jitfgħu fuq il-poplu Malti "li ħalla lil Abram jaħli l-aħjar ta' żmienu jaħdem ma' mudelli tal-magni fit-tarzna flok li nkoraġġieh biex minnu ħa għadd ta' statwi u xogħlijiet oħra tal-arti", biex jibqgħu gawduti wara mewtu.

Minkejja dan kollu, il-mertu jagħtih lil Abram Gatt innifsu għall-imħabba kbira li kellu għal Bormla, belt twelidu, u għall-qassisin ta' Bormla li għarfu l-ħila tiegħu u fdawh fl-akbar xogħlijiet li għamel f'ħajtu. U dan it-twemmin fl-artist Bormliż f'daqqa waħda sar it-twemmin ta' Malta u Għawdex kollha bl-ammont kbir ta' kummissjonijiet li kkummisjonawh.

Lill-fatt li kienet il-parroċċa ta' Bormla li emmnet fih u wittietlu t-triq tas-suċċess, Rafel Bonnici Calì jikteb "U ta' bniedem twajjeb li kien, ried iħallas lill-parroċċa tiegħu billi jaħdem għaliha bla ħlas, u ħadem tassew bosta opri". Il-Kleru għaraf dan u ma nesiehx wara mewtu għax "min-naħa tagħhom il-qassisin pattewlu għal dan ix-xogħol billi kull sena jagħmlulu quddiesa għal ruħu".

Fl-omaġġ li jagħti lil Abram Gatt, Il-Kav. Rafel Bonnici Calì jikteb fil-parti konklussiva: "Nistħajjel lil xi ħadd jistaqsi 'minn fejn kiseb it-tagħlim tal-istatwi sbieħ li għamel?' Jien naħseb li huwa kien ammiratur tal-istatwi ta' Karlu Darmanin u tal-figuri tal-pittur Ġużè Calì għax il-figuri tiegħu jixbhu tassew fil-poża u d-drapp lix-xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ artisti kbar ta' żmienu"

Għal Bonnici Calì, "Abram kien ġenju għax żviluppa ruħu waħdu u laħaq il-quċċata li seta' jilħaq b'dedikazzjoni sħiħa għall-arti".

## Intervisti

## Joseph R. Gatt, in-neputi ta' Abram

Joseph R. Gatt jiġi t-tifel tal-artista u kittieb Ġużè Gatt (1873 - 1960),[32] ħu Abram. Jiena tkellimt miegħu dwar zijuh biex b'hekk inkun nista' nilħaq dak it-tagħrif b'mod informali. Abram u Ġużè kienu t-tieni u t-tielet wild rispettivament u t-tnejn kienu joqogħdu Bormla sakemm faqqgħet it-tieni gwerra.

Lil zijuh Joseph jiftakru sakemm kellu ħdax-il sena. Dak iż-żmien, Abram kien refa' mix-xogħol bl-età. Aċċenn li ta Joseph R. Gatt dwar zijuh Abram kien dwar l-ewwel jum

tal-gwerra, sbiħ il-11 ta' Ġunju 1940.

Filgħodu tal-11 ta' Ġunju 1940, Ġużè Gatt (ħu Abram) wasal lura mill-quddies. Id-dar tiegħu kienet f'Nru. 150, Strada Buogiorno (Tumas Buongiorno qalli li kien l-isem sħiħ) u kienet tinsab faċċata tad-Domus Piju IX, fejn Dar it-Tama. Huwa ta l-aħbar lill-familja tiegħu li kienet bdiet il-gwerra. Mela kellhomx dubju għaliex faċċata tad-dar tagħhom kien hemm il-Baċir Nru. 1, jiġifieri waħda mill-miri l-kbar tal-għadu.

Il-missier ikkalma kemm seta' lill-membri tal-familja tiegħu, niżel fit-triq u ltaqa' mas-Sur Ċikk (qalli li hekk kien jismu dan ir-raġel) li kien joqgħod fl-istess triq, eżattament fl-ewwel bieb fuq ix-xellug tat-triq. Ġużè Gatt staqsieh minn fejn seta' jsib *seven seater*, kelma oħra għal xorta ta' taksi komuni għal dawk iż-żminijiet, bis-*seats* jinżlu. "Intom disa' min-nies u jien waħdi. Morru biha intom għand iz-zijiet tagħkom ta' Ħaż-Żebbuġ u jien nfittex nasal b'xi mod".

Ġużè Gatt u l-familja tiegħu waslu Ħaż-Żebbuġ f'nofsinhar. Għand iz-zijiet ta' Ħaż-Żebbuġ sab lil ħutu, fosthom Abram, peress li dawk kienu telqu qabilhom. Id-dar kienet fi Strada San Giuseppe. Ġużè Gatt dam Ħaż-Żebbuġ bil-familja tiegħu għal tliet xhur. Kien għad għandu t-tfal żgħar u ma riedx li jkun ta' xkiel għaz-zijiet. Marru r-Rabat, f'51ċ, Triq Inguanez.

Meta telqu bħala rifuġjati lejn Ħaż-Żebbuġ ma ħadu xejn magħhom ħlief xi biċċtejn ħwejjeġ. Meta ġew lura Bormla, għax il-gwerra kienet taffiet, sabu li d-dar tagħhom fi Strada Buongiorno kienet bil-*war damage* u minn ġewwa serqulhom kważi kollox, ħlief għal ħwejjeġ goffi li ma setgħux iġorru. Anki xogħlijiet artistiċi ta' missieru ħadu li mbagħad rawhom għand regettier għall-bejgħ!



Il-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ fejn sar il-funeral ta' Abram

Meta miet Abram, nhar l-20 ta' Marzu, 1944, indifen fis-sezzjoni tal-Fratellanza tal-Kurċifiss fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata fil-qabar Nru.15. Xahar wara l-mewt tiegħu, ġewwa l-parroċċa u Kolleġġjata ta' Bormla saret quddiesa għal ruħu u l-Kapitlu ħoloq fondazzjoni biex jibqa' jsir dak il-quddies bħala apprezzament għall-wirt artistiku kbir li ħalla fil-parroċċa ta' Bormla.

Jospeh R. Gatt jiftakar disinn tal-orgni ddatat 1936 li Abram kien għamel u li jafu mdendel fejn il-vara ta' Sant'Andrija, fil-parroċċa ta' Bormla.

Minn fost ir-ritratti ta' Abram Gatt, ħuh Rafel kien ta wieħed lill-Kapitlu ta' Bormla u ieħor lill-Każin tal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla.

Id-dar ta'Abram Gatt fin-numri 16 – 17 – 18, Triq l-Oratorju, Bormla kienet tinsab fejn illum hemm il-fetħa li minnha tibda Triq Santu Rokku, qrib l-Oratorju. (Id-dar ta' qabilha bin-numru 15 għadha hemm u d-dar l-oħra li tkompli triq l-Oratorju għandha n-numru 20. Mela biex tniffdet it-triq twaqqgħu erbat idjar b'kollox). Qabel il-gwerra

hemm ma kienx jinfed għax kien hemm id-dar ta' Abram li kienet tikkonsisti f'persjana (16), il-bieb tad-dar (17) u persjana oħra (18) u kienu jibdew min-naħa ta' isfel ta' fejn l-Oratorju. F'dan il-post kienu joqogħdu erba' aħwa: Abram, Wenzu, Rafel u Mary. Abram u Wenzu mietu Ħaż-Żebbuġ, Rafel miet Raħal Ġdid u Mary mietet il-Kalkara. Abram kien jaħdem fis-sala li kellu fit-tieni sular. Kif tidħol kellhom intrata, bitħa msaqqfa... Fil-parroċċa ta' Bormla Abram kien iħobb joqgħod fejn is-seba' stazzjoni tal-Via Sagra. Dan it-tagħrif lil Joseph R. Gatt kien qalulu s-Sur Karmenu Delorenzo, ħabib tiegħu.

## Gustavo Spagnol[33]

Tkellimt ukoll ma' żewġ persuni oħra li għad li jaf lil Abram Gatt fi tfulithom, jiftakruh min b'mod u min b'ieħor. Dawn iż-żewġ sinjuri huma Gustavo Spagnol u s-Soċju tal-MUSEUM, Ġużeppi Grima. Apparti mis-suġġett ta' din il-kitba, dawn it-tnejn taw u għadhom jagħtu kontribut fil-parroċċa ta' Bormla.

Gustavo Spagnol jiftakar lil Abram kemm ġewwa Bormla, meta fiżikament kien għadu fl-aqwa tiegħu, kif ukoll f'Ħaż-Żebbuġ fil-perjodu tal-gwerra. Huwa jiftakar lil Abram jattendi kuljum il-quddies fl-parroċċa ta' Bormla imma qatt ma jafu jidħol mill-bieb tas-Santwarju imma mill-bieb tal-ġenb tal-Oratorju, li jagħti dritt għas-sagristija. Kien jidħol bil-kappell f'idejh u normalment kien jiċċajta mal-abbatini, dan il-fatt Gustu (kif nafuh aħna) jafu sewwa għax kien abbati huwa wkoll f'dak iż-żmien.

Huwa ddeskrivieh bħala raġel twajjeb wisq kif ukoll reliġjuż ħafna. Kien jattendi l-knisja daribtejn kuljum, liebes pulit, bil-polka, bil-mustaċċi u bil-kappell f'idejh. Peress li ma kienx isir quddies filgħaxija, huwa kien imur il-knisja, jgħid ir-rużarju kuljum. Dwar kif kien il-karattru ta' Abram Gatt, Gustavo Spagnol iqabblu ma' ħuh, is-Sur Ġużè Gatt. Filwaqt li Abram kien iktar serju, fejn kien ikellem lil kull min ikellmu imma mill-bqija ma tantx kien iħobb jitkellem iżda kien iħobb josserva, ħuh Ġużè kien ċajtier u fuq tiegħu.

L-aħħar darba li Gustu jiftakar lil Abram Gatt kien meta kien ġie wiċċ imb wiċċ miegħu f'Ħaż-Żebbuġ meta kien ħiereġ mill-parroċa ta' San Filep. Dakinhar kien hemm magħhom ukoll il-Kanonku Burlò, li huwa wkoll kien rifuġjat f'Ħaż-Żebbuġ. Is-sena kienet l-1943. Dakinhar kien waqaf ikellmu. Imbagħad fis-sena ta' wara, f'Marzu, Abram miet. Meta staqsejt lis-Sur Spagnol dwar xiex tkellmu, qalli li fost oħrajn tkellmu fuq il-gwerra u fuq Bormla, fejn kultant kien jikkommozzjona ruħu u taqbiżlu xi demgħa sforz id-dispjaċir li kien iħoss bejn li ġara u bejn il-firda minn Bormla.



**Il-ħerba tal-gwerra madwar il-knisja**

Gustavo Spagnol semmieli Bormliż ieħor, is-Sur Giuseppe

Scicluna, li mbagħad kien sar profs. Semmihuli peress li kien ħabib kbir ta' Abram Gatt. Imma fuq kollox Gustu qalli aneddotu ħelu ħafna li jagħti prova kemm Abram kien raġel umli u jaħrab mit-tifħir. Meta tlesta San Ġużepp u kien espost fil-knisja u allura seta' jarah kulħadd, bdew ġejjin jarawh bosta nies minn kull naħa ta' Malta, anki jekk it-trasport kien primittiv u skars fl-istess ħin. Ukoll jekk il-venda tal-linja kienet tieqaf fejn it-tramm, (fejn illum insibu l-ankra, qabel il-Mina ta' Għajn Dwieli). Filwaqt li n-nies kienu qed jiflu u japprezzaw l-istatwa ta' San Ġużepp bil-Bambin, kien għaddej Abram Gatt u tnejn minnhom li la kienu jafuh u wisq inqas basru li kien l-iskultur qalulu: "Sinjur, naħseb li dan San Ġużepp stess niżel mis-Sema biex għamlu!" Sforz l-umiltà li kellu Abram wieġbu "Jekk ma għamlux kollu, għamel nofsu!" Gustu qalli li ma kienx ikun irid lil min ifaħħru. Fil-fatt, kull meta kien jinzerta li xi ħadd iġib id-diskors, kien idawwar il-kliem. Gustu qalli hekk: "Kien jgħidlu, żagħżugħ, kulħadd jaf jagħmel xi ħaġa. Kulħadd għandu d-dehen. Li jgħodd kemm se tħaddmu d-dehen mogħti lilna mill-Bambin, kien jagħmilli".

Aneddotu ieħor, ċkejken, li jirreferi għall-perjodu ta' qabel għamel lil San Ġużepp jittratta meta darba ġewwa l-knisja, quddiem l-artal ta' San Ġużepp, kien hemm Ġużè s-sagristan (li Gustu ma jiftakarx x'kien kunjomu), u qallu "Surmast, għamlilna ventaltar". Abram wieġbu "Ventaltar hawn, u mhux ventaltar nagħmel imma San Ġużepp". Din kienet, biex ngħidu hekk, l-ewwel stqarrija fil-beraħ ta' x'kellu magħġun f'moħħu Abram Gatt dwar San Ġużepp.

Minn fost ix-xogħlijiet l-oħra li għamel l-artist Bormliż fil-paroċċa ta' Bormla ssemmiet il-Kuruna tal-mantell tal-Kunċizzjoni. Kien iddisinjaha huwa u nħadmet għand Meli tal-Belt. L-abbozz tal-kuruna kien instab b'kumbinazzjoni. 'Il quddiem meta il-post ta' Meli kien inxtara minn ta' Busuttil. Kien tqabbad wieħed biex inaddaf il-post u sab lill-kuruna. Meta mbagħad urieha lis-Sur Busuttil, dan mill-ewwel għaraf li ma kienet xejn għajr l-abbozz tal-kuruna ta' Abram.


**Il-kuruna tal-mant**

Fi tmiem id-diskursata tagħna, Gustavo Spagnol esprima l-weġgħa tiegħu li lil Abram Gatt għadha ma ntweriet stima biżżejjed, għax jemmen bis-sħiħ li dan l-iben u artist Bormliż ta bosta u bosta għal belt twelidu u s-Santwarju ddedikat lill-Kunċizzjoni li tant kien iħobb. Għall-inqas, qalli, hemm bust fil-ġenb tal-knisja li jfakkru. Imma, sostna, li jixraqlu aħjar kif hekk ukoll jixraqlu triq iktar prominenti msemmija għalih.

## Is-soċju Ġużeppi Grima

Persuna oħra li jiena intervistajt u li, minkejja l-ftit li tafu peress li kienu joqogħdu fi Strada Brittania (illum Triq Mariano Gerada), tatni tagħrif li ma kontx smajtu u lanqas sibtu fil-kotba, huwa Soċju tal-MUSEUM, Ġużeppi Grima. Fil-fatt rah darba meta Ġużeppi Grima kien għadu apprentista t-Tarzna. Dakinhar Abram Gatt kien dieħel fil-Boathouse u kienu qalulu li kien għamel xi munita tal-lira tad-deheb. Imma Ġużeppi

Grima kien beda l-apprentistat tiegħu żmien wara dak l-avveniment.



Parti minn Triq San Mikiel, matul il-gwerra

Interessanti t-tagħrif li tani dwar l-istatwa ta' San Ġużepp. Grima jiftakar lil ommu tgħidlu li l-abbozz tal-vara ta' San Ġużepp bil-Bambin kienu tellgħuh lotterija. Kull biljett kien jiswa nofs lira li għal dak iż-żmien kienet tiswa nofs il-paga ta' ġimgħa. Dan l-abbozz kien intrebaħ minn persuna minn Ħaż-Żabbar bil-kunjom Darmanin. Inzerta li din il-familja kellha ġuvnott jaħdem it-Tarzna ma' Ġużeppi Grima. Meta darba kien staqsieh dwar x'sar minn dak l-abbozz, ma kienx jaf jgħidlu.

Jiftakar sewwa lid-dar ta' Abram u lil ħutu fil-bidu tat-telgħa tat-triq tal-Oratorju. Il-familja Grima, meta Ġużeppi kien għadu tfajjel ta' erba' snin u nofs, minn Strada Brittanja marru joqogħdu f'Nru.18, Triq San Mikiel, Fuq San Pawl. Inzerta li dik id-dar kienet tal-familja ta' Abram. F'dik il-parti ta' Bormla l-familja Gatt kienet is-sid ta' diversi djar. Il-kera kienet ta' ħdax-il lira fis-sena. Ġużeppi jiftakar li mhux l-ewwel darba li ommu kienet tagħtih il-kera ta' tliet xhur u huwa u sejjer l-iskola jgħaddi jħallashom fid-dar tal-familja Gatt. Huwa u ġej lura mill-iskola kien jgħaddi għall-ktieb tal-kera. Normalment kienet tiffirmah oħtu li kienet spettriċi fl-iskejjel elementari tal-Gvern.

## L-Artist Bormliż Carmelo De Lorenzo

Carmelo De Lorenzo, bniedem magħruf għall-kontribut artistiku fix-xogħol tal-injam fil-parroċċa ta' Bormla, biżżejjed insemmi s-sena 1989 meta kien irrestawra l-bradella u l-bankun tal-Kunċizzjoni biex, kif jikteb Joseph R. Gatt fil-Programm tal-Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla 2000 f'paġna 79, "reġa' ħareġ il-ġmiel tax-xogħol oriġinali". Huwa għandu konoxxenza tajba ta' Abram li ddeskrivieh bħala surmast tas-surmastrijiet. Jaf sewwa lil ħuh Ġużè Gatt fejn wara l-gwerra, fl-1944, kienu flimkien l-iskola tal-Birgu fejn kienu jgħallmuhom id-Dumnikani għax ma kienx hemm għalliema biżżejjed. Qabel, in-nannu ta' Karmenu, Ġużè u Abram kienu jaħdmu flimkien fil-Pattern Shop, it-Tarzna.

Interessanti l-fatt li l-imbuttatura 'l quddiem fid-disinn Carmelo De Lorenzo ħadha mingħand Ġużè Gatt, ħu Abram u missier Joseph R. Gatt. Bis-saħħa ta' hekk mar l-iSchool of Arts tal-Belt u hemm kompla jitgħallem taħt l-artist Ċensu (Vincenzo) Apap. Abram Gatt kien jaħlef b'Apap. De Lorenzo qalli li ħafna drabi għad-disinni li kien jagħmel kien jissuġġerixxi lil Ċensu Apap biex jiskolpihom. Darba s-Surmast Apap kien qal lil Carmelo De Lorenzo, meta dan tal-aħħar kien student tiegħu, "Il-Madonna missitlu moħħu lil Abram għad-dehen (artistiku) li għandu!"

Lil Abram għadu jiftakru jarah tiela' t-telgħa tal-Knisja flimkien ma' nannuh, peress li kienu jaħdmu fl-istess ħanut fit-Tarzna u spiċċaw bl-età flimkien ukoll. Ħaġa oħra li jiftakar huwa meta darba fi Triq l-Oratorju kien ma' nannuh u Abram u mar wieħed, Ġanni tas-Sisi minn Bormla u wrieh ħmara li kien pinġa. Abram rahielu bir-reqqa, talbu

lapes u wrieh kif seta' jagħmilha aħjar billi rtokkahielu. De Lorenza kien raha kkoreġuta u skanta. Qalli kemm ġabha perfetta. B'dan l-eżempju ried jikkonfermali kemm kien bniedem umli, qatt ma jmaqdar lil ħadd. "Kien jikkoreġik mingħajr ma jmaqdrek". Lil dak il-Bormliż ma daħakx bih jew ħatfu, imma fissirlu waqt li beda jikkoregilu t-tpinġija u fuq kollox ħeġġu sabiex jibqa' għaddej fid-disinn.

Carmelo De Lorenzo stqarr miegħi bl-akbar sinċerità li lil Abram kien iħobbu għax fih kien jara mudell, peress li De Lorenzo kien iħobb id-disinn. Anke l-fatt li mhux l-ewwel darba li nannuh kien jurih lil Abram u jgħidlu li dak kien li ħadem lil San Ġużepp. Mal-Bormliżi, speċjalment, kellu fama kbira. Kien impressjonat ukoll mit-tiżjin li Abram Gatt kien għamel fil-parroċċa ta' Bormla.


Is-Surmast Ċensu Apap

Dwar Abram bħala ħaddiem fit-Tarzna qalli li 'kiber', jiġifieri sar il-kap tal-'pattern makers' bis-saħħa tal-każ li ġej. Darba daħal bastiment għat-tiswija fit-Tarzna u kellu l-poppa tiegħu mtajra. Din il-poppa kienet kollha skultura mtajra u riedu li ssir mill-ġdid. Il-problema kienet li ma kellhomx lil min jerġa' jiskultaraha u kienu se jibagħtuh barra biex issir dik l-iskultura. Ħaddiem ieħor li kien imlaħħaq fit-Tarzna u jaf sewwa lil Abram, għax it-tnejn kienu fratelli fil-Fratellanza ta' San Ġużepp, issuġġerielhom lill-artist Bormliż u ħariġhom ta' rġiel. B'hekk kiseb fiduċja għamja mit-tmexxija tat-Tarzna. Dak il-ħabib tal-qalb u kollega ta' Abram, qalli Carmelo Delorenzo, kien huwa stess li qabbdu biex jagħmel lil San Ġużepp ta' Bormla. U hawnhekk tani tagħrif li ma sibtu mkien. Filwaqt li kkonfermali li l-injama li nħadem minnha San Ġużepp qalli li kienu xtrawha tletin lira sterlina, daqshekk ukoll Abram kien żamm ta' jdejh meta lestieh. Dak iż-żmien it-Tarzna kienet tixtri l-injam bil-virgun, jiġifieri blokok sħaħ u kien jispiċċa fil-Pattern Shop minn fejn joħroġ iddisinjat. Sieħeb Abram darba sejjaħlu u qallu "Hawn biċċa njama tal-punent (hekk kienet tissejjaħ), naħseb li famuża biex nagħmlu 'l San Ġużepp!" Skont Carmelo De Lorenzo dam jagħmlu tliet snin u minħabba f'hekk ma aċċettax kummissjonijiet oħra u minflok tahom lil Buhagiar tal-Birgu. Dawn kienu jafu lil xulxin u studjaw ukoll flimkien taħt il-Belti Salvatore Barbara meta kellu skola l-Birgu.

Kif wieħed jinnota, it-tagħrif miġbur jinqasam fi tnejn: il-parti ta' natura akkademika miġbura mill-istampa u l-parti verbali permezz ta' erba' intervisti. Għalkemm taf tinħass xi differenza jew nuqqas rari ta' qbil bejn iż-żewġ partijiet, ħallejt kollox, partikularment l-intervisti biex kollox jibqa' awtentiku. Jiena persważ li l-intervisti taw tagħrif li ma ngħatax qabel u minn nies li għexu u fi żmienu. Tal-għajnuna li tawna u tat-tagħrif li għaddew fuq Abram Gatt biex ikun iktar magħruf u apprezzat iktar, nirringrazzjahom tassew minn qalbi.

**Referenzi**

1. **Liber Bapt. ta' Bormla** Vol.XVIII
2. Fl-artiklu li Carmel Galea Scannura kiteb f'Il-Berqa tat-Tnejn, 7 ta' Ottubru 1963 bl-isem **F'Għeluq il-Mitt Sena mit-Twelid tas-Surmast Abram Gatt** f'paġna 7, jiddeskrivi hekk lil Abram Gatt: "Iżda fost il-kwalitajiet sbieħ insibu fih li huwa kien iħobb ir-Reliġjon, kien iħobb lil Alla u lill-Madonna li tagħha

kien tant devot. Din it-tjubija mmeritatlu ħajja twila mimlija b'kull xorta ta' konsolazzjoni mis-Sema, difatti miet mimli bl-għomor – ta' 81 sena".

3. Robbie Mifsud Bonnici fid-**Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali,** p.246 jikteb li taħt Karlozz (Karlu) Darmanin studja l-plastika.
Il-Kav. Rafel Bonnici Calì, f'**Abram Gatt, Skultur – (1863 – 1944)**, Artisti li Niftakar (30), fil-Leħen is-Sewwa, tas-Sibt, 15 ta' Ottubru 1983, p.9 jikteb li Abram Gatt "Tgħallem id-disinn u l-immudellatura kif ukoll l-iskultura fl-injam fl-Iskola Teknika tal-Kottonera li kienet immexxija mill-pittur Lazzaro Pisani u artisti oħra Maltin".
4. Fiorentino, Emmanuel, **Il-Pittura f'Malta fis-Seklu Dsatax** Kullana , Vol.78, p.99, Pubblikazzjonijiet pin, Malta, 2006.
5. Mifsud Bonnici, Robbie, **Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali,** Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta. 1960, pp.246-7
6. **Abram Gatt (1863 – 1944) Skultur, Pittur u Disinjatur**, Mill-Kan. Prep. Joseph Bonello
7. **Liber Defuntorum tal-Parroċċa ta' Bormla, Vol. XVI**
8. **Arkivju tal-Kolleġġjata Cospicua, Libro Legati Messe, p.346 Cabreo 550**
9. **Arkivju Kolleġġjata Bormla,** Minuti tal-Kapitlu 1905
10. Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjietha, Dun Ġużepp Micallef, paġni 265, pp. 274-275. Ara wkoll il-gazzetta *Is-Salib* tat-13 ta' Diċembru 1913, li ddeskriviet lil Sant'Andrija rrestawrat bħala statwa li ftit għandna bħalha f'Malta.
11. Minuti tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, Bormla, 1903
12. Joseph F. Grima, **Maltese scultpors and statuaries**, The Democrat, Saturday, 18th. March, 1989, p.11
13. Għall-programm tal-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, li saret nhar l-1 ta' Mejju 1957 fuq il-Fosos, il-Furjana, ara Cospicua, Nru. 23, Mejju 1957, p.1. Filwaqt li għar-rappurtaġġ ta' kif żvolġa dak l-avveniment ara l-artiklu **Il-Ħaddiema Maltin Ma' Dwar San Ġużepp**, Cospicua, Nru. 24, Ġunju 1957, p.1
14. **Abram Gatt (1863 – 1944) Skultur, Pittur u Disinjatur**, Mill-Kan. Prep. Joseph Bonello
15. Charles Galea Scannura f'**Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla** – 2 li deher fil-Leħen is-Sewwa tas-Sibt, 28 ta' Marzu 1981, paġna 4 jagħti lista tal-oġġetti misruqa f'dik is-serqa tal-lejl bejn it-18 – 19 ta' Diċembru 1980. Minn fuq San Ġużepp u l-Bambin insterqu salib tad-deheb tal-Kleru bil-katina, salib ieħor tal-fidda indurat bil-katina wkoll, salib tal-fidda li kellu f'idejh il-Bambin, żewġ brazzuletti bid-djamanti, barbazzal tad-deheb tal-Bambin, rużetta ġemmata, par imsielet tad-deheb, katina tal-polka tad-deheb, żewġ ċrieket żgħar, raġġiera tal-fidda indurata tal-Bambin, dijadema tal-fidda ndurata ta' San Ġużepp, għalaq tal-fidda ta' qoffa żgħira tal-għodda u tnax-il biċċa għodda tal-fidda. Magħhom insterqu ħames lampieri ta' valur kbir minn diversi partijiet tal-knisja.
16. Charles Galea Scannura, **Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla – 1**, Leħen is-Sewwa, Is-Sibt, 14 ta' Marzu 1981, p.7.
17. Charles Galea Scannura, **Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla – 2**, Leħen is-Sewwa, Is-Sibt, 28 ta' Marzu 1981, p.4.
18. Idem.
19. Ara l-kitba ta' Anton Attard, **F'Bormla Mitt Sena Ilu** li deher fil-Programm tal-Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla, Festa 2003, p.111.
20. Carmelo Galea Scannura, **San Ġużepp Patrun tal-Ħaddiema Nsara**, Cospicua, Nru.23, Mejju 1957, p.1.
21. Għalhekk, issa Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva mingħand il-Missier l-Ispirtu s-Santu kif kien imwiegħed, u sawbu fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu. David ma telax fis-smewwiet, iżda hu nnifsu jgħid:
Il-Mulej qal lil Sidi:
"Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,
sa ma nkun qegħidt l-għedewwa
tiegħek f'riġlejk."
**Atti tal-Appostli**, 2, 33-34
22. Tliet dati importanti marbuta ma' San Ġużepp huma: (a) fit-8 ta' Diċembru 1870 il-Papa Piju IX ipproklamah Patrun tal-Knisja Universali, (b) fl-1 ta' Mejju 1955 il-Papa Piju XII jiddikjarah Patrun tal-Ħaddiema u (ċ) fit-13 ta' Novembru 1962 jiddaħħal fil-Kanoni tal-quddiesa mill-Papa Ġwanni XXIII.
23. Ara wkoll Aquilina Sunny, **Abram Gatt – Id-Domus u Opri Tiegħu marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa f'għeluq il-100 sena tal-istatwa ta' San Ġużepp,** Mejda tal-Appostli 2003, Domus Piju IX – Bormla, pp.67 – 77

24. F'**Abram Gatt (1863 – 1944) Skultur, Pittur u Disinjatur**, li deher f'Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla, Nru 23, Festa 1991, p.91, il-Kan. Prep. Dun Ġużepp Bonello jikteb li f'Bormla "diġà twaqqaf Kumitat biex isir Monument lil dan il-Bormliż; il-Kurja diġà tat il-permess tagħha biex ikun jista' jsir bust tiegħu fis-Sagristija tal-Parroċċa ta' Bormla. Nittamaw li dan il-monument ma jdumx ma jsir". Għall-inqas dan il-bust inkixef anki jekk mhux fis-Sagristija.

25. Ara wkoll Il-Festa tal-Immakulata - **Mitt Sena Ilu tiżżanżan il-Mazza Kapitulari**, ta' Anton Attard, Programm tal-festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla, 2006, pp.57 - 63

26. Coleiro, Charles, **Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin, Vol. 14**, Kullana, pin, 2000, p.27.

27. Mark Sagona, **The Designs of Abram Gatt, Francesco Saverio Sciortino, Emanuele Buhagiar and Giuseppe Galea for the Churches of Gozo**, teżi mhux ippubblikata li saret fl-1999 għall-grad ta' B.A. (Hons) fl-Università ta' Malta. The Gozo Observer No.10 – 11, Mejju 2004, The Journal of the University of Malta, Centre. Paġna 11.

28. F'Bormla Emanuele Buhagiar ħadem il-bradella tal-Immakulata Kunċizzjoni. Kienet l-ewwel bradella li ħadem u bis-saħħa tagħha ħoloq il-qies *standard* li fuqu nħadmu bradella oħra minn artisti fl-għaxriet ta' snin li ġew wara. Din il-bradella tal-Kunċizzjoni ta' Bormla hija eżempju prattiku tal-ħila artistika kbira li kellu. **Ibid.**, p.12. Ta' min iżid li kien iżżewweġ lill-kuġina ta' Giuseppe Calì, Ersilia Calì.

29. Bonello, Kan. Prep. Ġużepp, **Abram Gatt (1863 – 1944) Skultur, Pittur u Disinjatur**, **Il-Pronostku Malti 1990**, p.195

30. Il-Kav. Rafel Bonnici Calì, **Abram Gatt, Skultur – (1863 – 1944),** Artisti li Niftakar – (30), Leħen is-Sewwa, Is-Sibt, 15 ta' Ottubru 1983, p.9

31. P.P. Castagna, **L-Istorja ta' Malta**, sezzjoni dwar l-artisti Maltin.

32. Dwar missieru Ġużè, Joseph R. Gatt qalli li l-patrijiet ta' Santa Tereża kienu talbuh jirrestawralhom il-vara ta' Santa Tereża. Peress li kien kiber fl-età u dak ir-restawr kien jitlob ħafna xogħol ta' reqqa, kien issuġġerielhom lil Ġużeppi Caruana (Marċjol). Fil-fatt Caruana kien irrestawraha huwa. Qalli wkoll li missieru kien għalliem tad-disinn u fost postijiet oħra għallem fl-iskejjel tal-Isla u ta' Ħal-Luqa. Meta rtira kien laħaq minfloku Joseph Calleja. Qalli wkoll li kien ħajjar lill-pittur Bormliż Ġanni Vella biex jibda jpinġi fuq id-drapp. Qalli li kien bis-saħħa ta' hekk li Bormla waslu biex għandhom it-tpinġija ta' żmien ir-Randan fuq id-damask iswed.

33. It-tliet intervisti saru hekk:
a. mas-Sur Joseph R. Gatt permezz tat-telefown nhar it-Tlieta, 23 ta' Lulju 2013 wara nofsinhar
b. mas-Sur Gustav Spagnol fis-Sagristija tal-parroċċa ta' Bormla, fil-5.30 p.m.
ċ. mas-Soċju tal-MUSEUM Ġużeppi Grima fuq il-bejt tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla, nhar it-Tlieta, 10 ta' Settembru 2013 fl-10.15 a.m.
d. mal-artist Carmelo Delorenzo fuq iz-zuntier tal-parroċċa ta' Bormla, nhar l-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2013, wara l-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħodu.

St Philip's Confectionery

Pjazza Franġisku Zahra,
Senglea

PROP. ERIKA RITCHIE















